**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru: 210/2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**
**(Spettur Oriana Spiteri)**
**vs**
**Giuseppe Orlando**

**Illum 4 t'April, 2019**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Giuseppe Orlando, detentur tal-karta tal-identita' Taljana AX7585280.

Akkuzat talli nhar it-3 t'April, 2019 u fil-granet u xhur ta' qabel gewwa Xghajra u anke f'dawn il-gzejjer;

1. Ta fastidju lil konjuga tieghu Miriam Dorothy Degiorgio u dan bi ksur tal-Artikli 251A tal-Kodici Kriminali mal-Kap 9;

2. Ikkaguna lil konjuga tieghu Miriam Dorothy Degiorgio biza' li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti taghha u dan bi ksur tal-Artikli 251B tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Giuseppe Orlando a beneficcju ta' Miriam Dorothy Degiorgio u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba f'kaz ta' htija, biex tipprovdi ghall-persuni ta' Miriam Dorothy Degiorgio u familjari taghha jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Giuseppe Orlando b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lil Giuseppe Orlando sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront tal-imputat fis-seduta datata 4 t'April, 2019.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ghal parir legali mmarkat bhala Dok EH1; person details immarkati bhala Dok EH2; fedina penali mmarkata bhala Dok EH3; current incident report immarkat bhala Dok EH4; stqarrija tal-imputat immarkat bhala Dok EH5; kunsens tal-Avukat Generali mmarkata bhala Dok EH6; dikjarazzjoni ta' kunsens ta' Miriam Degiorgio fuq dokument tal-Appogg immarkat bhala Dok EH7; referral for domestic violence unit immarkat bhala Dok EH8.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u kif registrata quddiem din il-Qorti kif preseduta nhar l-4 t'April, 2019.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk irid, jista' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega' tenna l-istess ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni mill-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni ghal dak li jirrigwarda l-piena, l-ammissjoni cara u inekwivoka u bikrija tal-imputat. Hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fedina penali netta tal-imputat.

**Decide:**

Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-Artikoli 251A, 251B, 383, 412C u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati u tikkundannah ghal perjodu ta' sitt (6) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal tmintax-il xahar (18).

Tapplika ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn il-persuna protetta hija dik ta' Miriam Dorothy Degiorgio.

Stante n-natura tal-kaz tordna li isem l-imputat u l-parti leza ma jixxandrux fuq il-mezzi tal-media u dawk elettronici.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**